**MALTA**

**TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGHAR**

**ĠUDIKATUR**
**DR. ANNA MALLIA**

Seduta tad-19 ta' Jannar, 2017

Kawza numru 657/14 AM3

Lista Numru: 31

**Mobisle Communications Limited (C 2456)**

**Triq Fra Diego Marsa MRS 1501 u b'digriet ta' nhar l-04 ta' Frar, 2016 s-Socjeta' Go plc (C2234) giet awtorizzata tassumi l-atti minflok is-Socjeta' Mobisle Communications Limited**

**Vs**

**Windsor Car Hire Limited (C 10718)**

**10, Triq San Frangisk**

**Sliema**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba tas-Socjeta' attrici prezentata fl-10 ta' Settembru, 2014 li permezz taghha hija talbet li s-Socjeta' konvenuta tigi kundannata thallas is-somma ta' erba' mija u wiehed u sebghin ewro u sebgha u hamsin centezmu (€471.57c) liema ammont huwa in konnessjoni mas-servizzi ta' kommunikazzjoni bl-akkont numru A/C 50217793

moghtija mis-Socjeta' attrici skont l-annessi dokumenti mmarkati Dok IZY1 u Dok IZY2 – prospett u ftehim ghall-akkont relattiv, Dok IZY 3 estratt mir-Registru tal-Kumpaniji u Dok IZY 4 kopja ta' ittra ufficjali a tenur tal-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12.

Illi s-Socjeta' konvenuta giet interpellata sabiex thallas izda baqghet inadempjenti ghalhekk kellha ssir din l-kawza. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra s-Socjeta' konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tas-Socjeta' konvenuta a fol 11 et li permezz taghha s-Socjeta' konvenuta eccepiet li t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li s-Socjeta' konvenuta ma ghandha taghti xejn lill-attrici; li minghajr pregudizzju ghas-suespost meta s-Socjeta' attrici intalbet tipprovdi 'statement of account' jidher li s-Socjeta' attrici ma haditx in konsiderazzjoni tlett cekkijiet mhallsa u msarfa mis-Socjeta' attrici Dok 'A' cekk ghal erba' mitt ewro (€400); Dok 'B' cekk ghal sitt mija u disgha u disghin ewro (€699) u Dok 'C' cekk ta' elf mija u hamsin ewro u tlieta u tletin centezmu (€1,150.33c) ( fol 12 et ); salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra x-xhieda ta' Simone Wightman Credit Control Manager mas-Socjeta' attrici (fol 21 et) li spjegat li dawn t-tlett cekkijiet veru li saru lil GO izda spjegat li cekk ta' erba' mitt ewro (€400) tas-16 ta' Lulju, 2011 kien fir-rigward kont numru 51127163 in konnessjoni ma' mobile phone numru 79490272 registrat f'isem Dennis Gatt u li precedentement u originarjament kien registrat f'isem is-Socjeta' konvenuta. Dwar cheque ta' elf, mija u hamsin ewro u tlieta u tletin centezmu (€1,150.33c) datat Novembru, 2011 dan jikkomprendi ammont ta' mitejn u sebghin ewro (€270) valur ta' mobile phone bil-linja 79490272 u l-bilanc ta' tmien mija u tmenin ewro u tlieta u tletin centezmu (€880.33c) kontijiet backdated relattivi ghall-uzu ta' dan l-istess numru. Xehdet li t-trasferiment minn fuq is-Socjeta' konvenuta ghal fuq Dennis Gatt probabilment sar ghal habta ta' Settembru jew Ottubru, 2010. Rigward c-cekk ta' sitt mija u disgha u disghin ewro (€699) tal-15 ta' Dicembru, 2011 hija xehdet li dan kien il-prezz ta' Apple iPhone li inxtara u li gie registrat f'isem certa Maria Gatt. Spjegat ukoll li meta jkun hemm trasferiment minn fuq persuna ghal ohra l-kont ezistenti jinghalaq u jigi kreat kont b'numru gdid.

In kontro-ezami hija xehdet li sabiex isir trasferiment ta' servizz minn fuq persuna ghal ohra bhala procedura l-kont pendenti jigi saldat mill-persuna originarja sabiex jista jsir

it-trasferiment izda kien hemm tibdil fis-sistema tal-billing f'Ottubru tas-sena 2010 u allura jista jaghti l-kaz li affetwa dawk il-kontijiet li kienu pendenti qrib ta' dan iz-zmien partikolari u kellha ghalhekk taghmel l-verifiki taghha.

Ra x-xhieda ta' Massimo Borg a fol 38 et Financial Controller tas-Socjeta' konvenuta. Rigward id-dokumenti esebiti minn Simone Wightman a fol 24 et huwa spjega li sal-ahhar kont ta' Settembru l-kont kien qieghed f'isem is-Socjeta' konvenuta. Id-Direttur tal-kumpanija Dennis Gatt mar ihallas cash fl-Outlet li hemm gewwa Bay Street u hemm inqalbet fuq ismu personali. Tant li fis-sena 2011 hemm ircevuta ta' elf, mija u hamsin ewro (€1,150) kien waqqaf il-kuntratt li wehel multa u spicca hallas il-kontijiet kollha li kellu pendenti fuq l-istess numru tal-mobile phone li kellu qabel. Spjega li l-kont ta' qabel Lulju kienu thallsu b'cekk tal-kumpanija li mbaghad l-kontijiet ta' Lulju, Awwissu u Settembru kienu thallsu cash fl-ahhar tas-sena. Huwa pprezenta Dok MB1 a fol 40 rendikont tal-pagamenti li saru.

In kontro-ezami fol 42 et Borg xehed li ricevuta qatt ma giet ghandu izda kkonferma li peress li l-kumpanija ma baqghetx topera kien huwa stess li gieghlu jmur jaqleb il-kuntratt f'ismu personali kif fil-fatt ghamel. Huwa qghad fuq li qallu Dennis Gatt li kien mar u hallas u qaleb l-kuntratt fuq ismu personali. Huwa rega sahaq li kieku l-GO ma thallsitx hija ma kienetx taqleb l-kont fuq ismu personali.

A fol 44 et xehed Dennis Gatt li huwa wiehed mid-Diretturi tas-Socjeta' konvenuta u li kien mar il-GO biex jaqleb l-kont minn fuq l-kumpanija ghal fuq il-privat. Kien mar fil-fergha ta' Bay Street u qalulu li biex isir it-trasferiment ried ihallas il-kontijiet u hallas cash ghax kellu struzzjonijiet biex ma juzax ic-cheque book aktar u l-kont inqaleb fuqu personali. Hu kompla xehed li tant hu hekk li wara ukoll rega waqfu l-kuntratt u hallas il-multa u l-kontijiet pendenti. Huwa kkonferma li c-cekkijiet esebiti harighom hu.

In kontro-ezami xehed li l-ircevuta ma zammhiex.

A fol 49 xehdet Charmaine Wiffen in rappezentanza tas-Socjeta' attrici li spjegat lil-kont numru 50217793 kien tas-Socjeta' attrici. Hija kkonfermat li kien sar pagament Bay Street fil-25 ta' Awwissu, 2010 u mhux fis-sena 2011 u l-ammont kien ta' elf, disa' mija u sebgha u hamsin ewro (€1,957) u mitejn u tmienja u disghin ewro u tlieta u sittin centezmu (€298.63c) u sar it-transfer taht Unique Catering Limited Dennis Gatt fl-24 ta' Settembru, 2010. Hija kkonfermat li biex jinqaleb servizz awtomatikament iridu

jithallsu l-kontijiet li jkunu diga hargu imma dejjem jkun baqa' kontijiet u l-final billi jkun ghad irid jinhareg.  Gara li fis-sena 2010 kien hemm public notice li l-GO kienu qed jaqilbu minn sistema ghall-ohra u l-kontijiet damu biex gew iggenerati.  L-ahhar pagament tas-Socjeta' konvenuta kien sar fil-25 ta' Awwissu, 2010.

In kontro-ezami hija kkonfermat li fil-31 ta' Dicembru, 2010 pagamenti ma rrizultaw xejn.

Ra d-dokumenti kollha esebiti.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidra

Li din hija talba ghall-ammont dovut li s-Socjeta' konvenuta tikkontendi li ma ghandhiex thallsu ghax hallsitu tant li kienet ghamlet transfer minn fuqha ghal fuq Dennis Gatt u li kieku kien hemm hlasijiet pendenti s-Socjeta' attrici ma kienetx tippermetti li jsir tali transfer.  Is-Socjeta' attrici tikkontendi li meta sar it-transfer ma kienx ghadu sar il-final billing u peress li kien dak iz-zmien qed jaqilbu minn ghal Sistema ghal ohra l-final billing dam ma hareg.

Bhala sekwenza tal-fatti jigi rilevat dan li gej:

Is-somma mitluba hija kwantu ghal mitejn u sbatax-il ewro u wiehed u tletin centezmu (€217.31c) dovuta fl-01 ta' Awwissu, 2010; kwantu ghal mija tlieta u sebghin ewro u hamsa u ghoxrin centezmu (€173.25c) dovuta fl-01 ta' Settembru, 2010 u kwantu ghal wiehed u tmenin ewro u centezmu (€81.01c) dovuta fl-01 ta' Ottubru, 2010.

Fil- 25 ta' Awwissu, 2010 saru zewg pagament ta' elf, disa' mija u sebgha u hamsin ewro (€1,957) u mitejn tmienja u disghin ewro u tlieta u sittin centezmu (€298.63c) u sar it-transfer taht Unique Catering Limited Dennis Gatt fl-24 ta' Settembru, 2010.

Wara l-25 ta' Awwissu, 2010 ebda pagament iehor ma sar mis-Socjeta' konvenuta.

Il-kopji tac-cekkijiet esebiti mis-Socjeta' konvenuta a fol 12 et huma datati 16 ta' Lulju, 2011; 15 ta' Dicembru, 2011 u 26 ta' Lulju, 2011 u kif spjegat ir-rapprezentanta tas-Socjeta' attrici Simone Wightman Credit Control Manager a fol 21 et  dawn t-tlett cekkijiet veru li saru lil GO izda spjegat li cekk ta' erbgha mitt ewro (€400) tas-16 ta'

Lulju, 2011 kien fir-rigward kont numru 51127163 in konnessjoni ma' mobile phone numru 79490272 registrat f'isem Dennis Gatt u li precedentement u originarjament kien registrat f'isem is-Socjeta' konvenuta. Dwar cheque ta' elf, mija u hamsin ewro u tlieta u tletin centezmu (€1,150.33c) datat Novembru, 2011 dan jikkomprendi ammont ta' mitejn u sebghin ewro (€270) valur ta' mobile phone bil-linja 79490272 u l-bilanc ta' tmien mija u tmenin ewro u tlieta u tletin centezmu (€880.33c) kontijiet backdated relattivi ghall-uzu ta' dan l-istess numru.

It-Tribunal f'dan il-kaz huwa ffaccjat b'zewg verzjonijiet kuntrastanti. Parti attrici f'kawza ghandha l-obbligu li tipprova kif imiss il-premessi ghat-talbiet taghha b'mod li jekk tonqos li taghmel dan iwasslu ghall-helsiet tal-parti mharrka **(vide Appell Inf per Sciberras 07 ta' Mejju, 2001 fil-kawza fl-ismijiet Hans J Link et vs Raymond Mercieca).** Il-fatt li l-parti mharrka tkun resqet verzjoni li ma taqbilx ma' dik imressqa mill-parti attrici ma jfissirx li l-parti attrici tkun naqset minn dan l-obbligu ghaliex kemm il-darba l-provi cirkostanzjali, materjali jew fattwali jaghtu piz lil dik l-verzjoni tal-parti attrici t-Tribunal jista jaghzel li joqghod fuqha u jwarrab l-verzjoni tal-parti mharrka. Min-naha l-ohra l-fatt li l-parti mharrka ma tressaqx provi tajba jew ma tressaq provi xejn kontra l-pretenzjonijiet tal-parti attrici, ma jehlisx lil din milli tipprova kif imiss l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet taghha. (**App. Inf. per Sciberras sentenza 07 ta' Mejju, 2010 fil-kawza fl-ismijiet Emanuel Ellul et vs Anthony Busuttil).**

It-Tribunal jifhem li fil-kamp civili l-piz probatorju mhuwiex dak ta' provi lil hin mid-dubju ragonevoli; Izda fejn ikun hemm verzjonijiet li dijametrikament ma jaqblux u li t-tnejn jistghu jkunu plawsibbli l-principju ghandu jkun li tkun favorita t-tezi tal-parti li kontra taghha tkun saret l-allegazzjoni ( **vide Sentenza Prim Awla per Imh Cuschieri tat-28 ta' April, 2004 fil-kawza fl-ismijiet Frank Giordmaina Medici vs William Rizzo et)** . Min-naha l-ohra, mhux kull konflitt ta' prova jew kontradizzjoni ghandha twassal lit-Tribunal biex ma jasalx ghal decizjoni jew li jkollu jdur fuq il-principju li ghadu kemm issemma. Dan ghaliex fil-qasam civili, il-kriterju li jwassal ghall-konvinciment tal-Gudikant ghandu jkun li l-verzjoni tinstab li tkun wahda li t-Tribunal jista joqghod fuqha u li tkun tirrizulta bis-sahha ta' xi wahda mill-ghodda procedurali li l-ligi tippermetti fil-process probatorju **(vide sentenza Appell Civ deciz fid-19 ta' Gunju, 2006 fil-kawza fl-ismijiet Emanuel Ciantar vs David Curmi noe**). Fit-twettieq

ta' ezercizzju bhal dak it-Tribunal huwa marbut biss li jaghti motivazzjoni kongruwa li jixhed r-ragunijiet u l-kriterju tal-hsieb li huwa jkun haddan biex jasal ghal fehmiet tieghu ta' gudizzju fuq l-kwestjoni mressqa quddiemu (**Vide App Inf deciz 09 ta' Jannar, 2008 fil-kawza fl-ismijiet Anthony Mifsud et vs Victor Calleja et).**

*"Illi meta d-debitur jallega l-hlas jaqa' fuqu d-dmir Ii jissodisfa lit-Tribunal li dan kien tassew il-kaz u ma jkunx l-obbligu tal-kreditur li jipprova l-kuntrarju. Ir-ricevuta hija l-aqwa prova tal-hlas u fin-nuqqas ta' prova bhal din titnissel il-prezunzjoni li l-hlas ma jkunx tassew sehh. Illi f'kaz bhal dan li t-Tribunal ghandu quddiemu, jidher xieraq li jsegwi t-taghlim li jghid illi "bhala kunsiderazzjoni legali dwar in-natura tal-oneru tal-provi in materja ta' pagamenti ta' debiti civili l-Qorti tirritjeni li, ghalkemm kif dejjem gie ritenut, il-konvenut allegat debitur ghandu jipprova l-pagament li hu jallega, f'kaz ta' dubu ragjonevoli jekk l-ammont ghadu dovut jew le dan id-dubju ghandu dejjem imur favur l-konvenut ghax l-oneru tal-prova tad-debitur jibqa fuq l-attur mill-bidu sal-ahhar tal-kawza ghax hu jallega d-debitu u kulhadd ghandu jipprova l-allegazzjoni tieghu u fil-kaz ta' konflitt serju bejn l-kontendenti fuq il-provi inkombenti rispettivament lilhom cioe` l-attur l-esigibilita' u l-konvenut is-soluzzjoni tad-debitu, in-nuqqas tat-tieni ma tikkolmax il-lakuna probatizja tal-ewwel u jibqa dejjem jimpera l-principju <u>actore non probante reus absolvitur</u>. L-attur li jallega d-debitu ma jistax jiskarta l-oneru tieghu fuq l-principju l-iehor <u>reus in excipiendo fit actor</u>, ghax jerga jinghad l-oneru centrali tal-akkuza jibqa fuqu. Altrimenti f'kull kaz ta' konflitt ikun facli ghall-attur jirbah avolja l-Qorti tibqa sospiza fi stat ta' dubju jekk hemmx debitu."* **(Prim Awla per MCC 27 ta' Mejju, 1970 fil-kawza fl-ismijiet Emanuel Zerafa vs Nazzareno Muscat Scerri (mhix pubblikata**).

It-Tribunal iqis li fil-kaz prezenti ma hemm l-ebda dubbju dwar l-esigibilita' tal-kreditu li jinkombi fuq is-Socjeta' attrici li tipprovah. Id-diverbju huwa dwar jekk sarx dan il-pagament galadarba s-servizz gie trasferit minn fuq is-Socjeta' konvenuta ghal fuq Dennis Gatt. Ircevuta qatt ma giet prezentata u skont Massimo Borg, Financial Controller tas-Socjeta' konvenuta dan sar fis-sena ta' 2011 fl-ammont ta' elf mija u hamsin ewro (€1,150).

Izda Charmaine Wiffen in rappezentanza tas-Socjeta' attrici li spjegat lil-kont numru 50217793 kien tas-Socjeta' attrici u kkonfermat li kien sar pagament Bay Street fil-25 ta' Awwissu, 2010 u mhux fis-sena 2011 u l-ammont kien ta' elf disgha mija u sebgha u

hamsin ewro (€1,957) u mitejn u tmienja u disghin ewro u tlieta u sittin centezmu (€298.63c) u sar it-transfer that Unique Catering Limited Dennis Gatt fl-24 ta' Settembru, 2010. Hija kkonferma li biex jinqaleb servizz awtomatikament iridu jithallsu l-kontijiet li jkunu diga hargu imma dejjem jkun baqa' kontijiet u l-final bill ikun ghad irid jinhareg. Gara li fis-sena 2010 kien hemm 'public notice' li l-GO kienu qed jaqilbu minn Sistema ghall-ohra u l-kontijiet damu biex gew iggenerati. L-ahhar pagament tas-Socjeta' konvenuta kien sar fil-25 ta' Awwissu, 2010.

Illi li statements tal-kont mertu ta' din l-kawza prezentati mis-Socjeta' attrici juru l-pagamenti li saru.

Illi wara li t-Tribunal gharbel sewwa l-provi li tressqu mill-partijiet, il-fatt li fis-sena 2011 ma jirrizulta li sar ebda pagament, li t-Tribunal jemmen l-verzjoni tas-Socjeta' attrici li ghalkemm jinqaleb is-servizz ma jfissirx li l-pagament ikun sar ghas-saldu u l-fatt li s-Socjeta' konvenuta naqset li tipproduci l-ircevuta tal-allegat pagament meta *"La prova del pagamento e' a preso del convenuto che lo allega"* (**ara Prim Awla per CS deciza 30 ta' Gunju, 1982 fil-kawza fl-ismijiet Joseph Azzopardi vs Pacifiku Cutajar u l-gurisprudenza hemm iccitata (mhix pubblikata),** t-Tribunal huwa tal-fehma li s-Socjeta' konvenuta naqset li tiddefendi l-eccezzjonijiet taghha u ghalhekk jiddeciedi billi jilqa t-talbiet attrici u jikkundanna lis-Socjeta' konvenuta thallas lis-Socjeta' attrici is-somma ta' erba' mija u wiehed u sebghin ewro u sebgha u hamsin centezmu (€471.57c) bl-imghaxijiet legali mil-lum sad-data tal-effettiv pagament.

Spejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali a karigu tas-Socjeta' konvenuta.

**Dr Anna Mallia**

**Gudikatur**